MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 7/2001/2

**Drive-A-Way Limited**

**VS**

**John Spiteri et**

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni;

Peress illi permezz ta’ sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tat-28 ta’ Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet “John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited” rikors numru 36B/97, s-socjeta hemm intimata giet ikkundannata milli tizgombra mill-fond Drive-A-Way Garage gja Spiteri Garage bla numru fi Triq il-Kapuccini, San Gwann.

Peress illi s-socjeta attrici gja pprezentat citazzjoni sabiex dan l-Onorabbli Qorti jawtorizza li jsir ir-ritrattazzjoni tar-rikors ghar-ragunijiet hemm indikati.

Peress illi dan il-fond ossia garage ta' "car hire" fejn l-esponenti jiggaraxxja numru sostanzjali ta' vetturi u parts ta' vetturi. Illi oltre dan ghandu jinghad illi l-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa mahrug fuq dan il-fond u m'hijiex kwistjoni facli sabiex jinhareg permess fuq fond iehor, billi iridu isiru l-applikazzjonijiet kollha mill-gdid.

Peress illi jekk tigi esegwita s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord, l-esponenti mhux ser ikun f'pozizzjoni illi jiggestixxi n-negozju tieghu billi ikun qieghed jopera kontra l-ligi billi huwa rekwizit li jkollu garage bil-permess ta' care hire.

Peress illi l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza allura sejra tikkaguna aktar pregudizzju lill-esponenti milli lill-intimati billi intrinsikament mhix sejra titbiddel l-pozizzjoni legali taghhom.

Peress illi l-esponenti a tenur tal-artikolu 823(2)(a) u 266(10) tal-Kapitolu 12, huwa tenut illi jaghti garanzija sufficjenti izda billi dan il-kaz huwa wiehed ta' zgumbrament allura qieghed jitlob dana l-Onorabbli Bord sabiex jidderigih u jaghti il-provvedimenti opportuni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Tordna lill-esponenri jaghti dik il-garanzija mehtiega a tenur tal-artikolu 823(2)(a) u 266(10) tal-Kapitolu 12.
2. Tordna it-twaqqif tas-sentenza moghtija minn dana l-Onorabbli Bord tat-28 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited" rikors numru 36B/97.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Ra s-sentenza tieghu tat-13 ta' Marzu 2002 li biha cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra l-verbal ta' l-ewwel ta' Lulju 2002.

Ikkonsidra,

1. Illi din ic-citazzjoni hi dwar twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-28 ta' Marzu 2001 fir-rikors numru 36B/97 fl-ismijiet inversi u mxiet kontestwalment mac-citazzjoni numru 6/01 fejn intalbet it-thassir tas-sentenza msemmija u s-smigh mill-gdid tar-rikors 36B/97.

2. Illi b'sentenza moghtija llum fic-citazzjoni 6/01 il-Bord cahad talba ghat-thassir tas-sentenza u smiegh mill-gdid tar-rikors relattiv billi l-azzjoni attrici ma tistax triegi ghax tmur kontra l-art 812 tal-Kap 12 ghar-ragunijiet hemm imsemmija li l-Bord m'ghandux ghalfejn itenni.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tas-socjeta attrici, ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet "John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited (rikors 36B/97). L-ispejjez barra dawk diga decizi, thallashom is-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------